Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Martin Sammut)

vs

Carl Alvin Portelli

Illum 24 ta' April, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra il-fuq imsemmi imputat Carl Alvin Portelli, iben Saviour Alfred u Alice Stella nee' Anderson, imwieled fil-25 ta' Jannar 1976 l-Ingilterra u detentur tal-karta tal-identita Nru 103093A, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Jannar 2002 ghall-habta tas-siegha u kwart ta' wara nofsinhar gewwa St George's Park fi Triq Dragonara San Giljan :

1) Ikkommetta serq ta' flus u cioe is-somma ta' aktar minn LM10 izda anqas minn Lm100, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz ghad-dannu ta' Anthony Robert

Borg, Ray Brincat u persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 263 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe diversi kaxxi tal-loghob, liema hsara tiskorri il-hamsin lira (LM50), izda mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-dannu ta' Anthony Robert Borg, Ray Brincat u persuni ohra u dan kollu bi ksur ta' Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-16 ta' April, 2002 waqt li kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, issib lill-istess imputat fuq imsemmi <u>hati</u> tal-

istess imputazzjonijiet, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261(b), 263, 264, 265, 266, 278 u 325(b) tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu f'dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt illi l-imputat waqt is-seduta tas-16 ta' April tas-sena 2002 obbliga ruhu illi jaghmel tajjeb ghall-hsarat kollha ikkagunati minnu u ghaldaqstant ma tarax illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut, imma tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali, illi l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz taghha iggieghel lill-imputat fuq imsemmi joqghod taht is-sorverjanza tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' dan l-ordni u li jekk jonqos li jhares dan l-ordni jew jaghmel xi reat iehor ikun jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din l-ordni ta’ probation ghandha tinghata minnufih lill-imputat fuq imsemmi, kif ukoll lill-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur